MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2013

Numru 599/2013

**Il- Pulizja**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Melissa Marie Rose Vitis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Melissa Marie Rose Vitis ta’ 24 sena bint Patrick u Sylvie nee’ Ouallet imwielda gewwa Franza nhar l-4 ta’ Frar 1989, residenti gewwa 20, Flat 3, Triq Guze’ Howard Sliema detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 65374(A), giet imressqa quddiemha akkuzata talli : nhar t-23 ta’ Gunju 2013 ghall-habta ta’ 03:15am, gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1. Ingurjat, jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ Pc 1540 Edmond Fenech, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ artikolu 95 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakkat jew ghamlet reżistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nnkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, u dan bi ksur ta’ artikolu 96 tal Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; mingħajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Pc 1540 Edmond Fenech f’periklu ċar, ikkaġunat hsara fil-ġisem jew fis-sahha ta’ Pc 1540 Edmond Fenech, liema hsara hija ta’ natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr. Chris Muscat, detentur ta’ numru tar-regisrtu mediku 1493 ta’ Klinika tal-Furjana, u dan bi ksur ta’ artikoli 221 (1) u 222(1) (c) tal Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; hebbet kontra Pc 1540 Edmond Fenech, sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu hsara, u dan bi ksur ta’ artikolu 339 (1) (d) tal Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiseret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta’ artikolu 338 (dd) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallitux jew fixklitu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmiru, billi ma hallitux jaghmel dak li b’liġi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew hasret dak li haddieħor kien ghamel skont il- ligi u dan bi ksur ta’ artikolu 338 (ee) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata anki wara li nghatat z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b’heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f’dan l-istadju ta` l-imputata qed jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Kif pero` qed jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra, fosthom izda mhux biss, il-fatt illi l-imputata, kemm fl-istqarrija kif ukoll fl-udjenza quddiem din il-Qorti, uriet id-dispjacir taghha ghal ghemilha u talbet apologija pubblika lill-membri tal-korp tal-pulizija involuti f’dan il-kaz; il-fatt li dan il-kaz beda b’cirkostanza fejn l-imputata lanqas biss kellha x’taqsam – effettivament kien is-sieheb taghha li kien qed jigi mitkellem mill-pulizija minhabba li kien ghamel l-urina fil-pubbliku - u involviet ruhha (ghaliex skond hi, is-sieheb taghha ma kienx jifhem bl-ingliz u ghalhekk ma kienx qed jifhem x’qed jghidulu l-pulizija) tali li mbaghad il-kwistjoni pprecipitat fil-konfront taghha minhabba diskors u agir xejn komplimentuz minn naha taghha; il-fatt li l-pulizija kienu qed jaghmlu xogholhom u gew imfixxkla, u wiehed in partikolari gie milqut fil-parti privata tieghu; il-fatt li l-pulizija ghandha tigi rispettata bhala forza ta` l-ordni u waqt ix-xoghol taghha; il-fatt li l-imputata, kif stqarret hi fl-udjenza, kienet ukoll dak inhar ikkonsmat xi xorb alkoholiku tant li dan , bhala fatt, seta influwenzalha l-gudizzju taghha; il-fatt li l-imputata ghandha impjieg fiss f’Malta – lkoll dawn fatturi li din il-

Qorti qed tikkonsidra f'dan l-istadju ta` kontemplazzjoni dwar il-piena.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, filwaqt li din il-Qorti hija kategorika u cioe tiddikjara illi kwalunkwe agir li mhux biss juri nuqqas ta` rispett lejn l-awtorita` tal-pulizija, izda addirittura jikkostitwixxi tfixkil fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, huwa kundannabbli u ghandu jigi kolpit bis-sahha kollha li taghti l-ligi, din il-Qorti ma tista qatt titlef il-perspettiva vera tal-kaz li jkollha quddiemha u fuq kollox, il-Qorti trid tkun gusta u tamministra l-gustizzja b'sens xieraq ta` ragonevolezza. U huwa f'dan il-kuntest li din il-Qorti ma temminx li huwa fl-ahjar interess tal-Gustizzja li l-fatti ta` dan il-kaz jigu riskontrati bil-piena tal-karcerazzjoni, la sospiza u wisq anqas effettiva. Minn naha l-ohra, din il-Qorti hi tal-fehema illi piena pekunjarja hija dik l-aktar effettiva fic-cirkostanzi.

**Ghall-motivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 222, 339(1)(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib lill-imputata hatja ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u tikkundannaha ghall-hlas ta` multa komplessiva fis-somma ta` hames mitt Euro (€500). Il-Qorti, fuq talba tal-hatja, qed tawtorizza l-hlas tal-multa b'rati mensili ta` €100, bl-ewwel pagament isir fl-20 ta` Lulju 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------